# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1254/07/1 AF**

**Philip u Emanuela konjuġi Bartolo u b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2016, il-ġudizzju f'isem Philip Bartolo li miet fil-mori tal-kawża, ġie trasfuż għal fuq isem l-istess Emanuela Bartolo, Elton Bartolo u Rachel Żammit Bartolo**

**v.**

**Tarcisio u Marthese konjugi Caruana, Rayona xebba Caruana u Kummissarju tal-Artijiet, għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-imħarrkin Caruana u appell inċidentali mressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza

appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti astjeniet milli tqis l-ewwel talba billi hija l-istess talba bħal dik li saret fil-kawża l-oħra li kienet miexja ma' din[2]; laqgħet it-tieni talba u sabet li l-imħarrkin miżżewġin Caruana kisru l-obbligazzjonijiet fiduċjarji li kellhom lejn l-atturi Bartolo; laqgħet limitatament it-tielet talba u ħassret il-ftehim li bih l-imħarrka Marthese Caruana ttrasferiet il-gabbana msejħa "*Marea Kiosk*" fl-Għadira, fil-limiti tal-Mellieħa, b'kulma fiha u bit-tagħmir tagħha lil bintha Rayona Caruana, għaliex dak il-ftehim sar b'qerq; u ċaħdet ir-raba' talba safejn l-atturi Bartolo talbu n-nullita` tat-trasferiment għall-permessi biex titmexxa l-gabbana msemmija mogħti mill-Kummissarju tal-Artijiet. Dik il-Qorti ordnat ukoll lill-intimati Caruana jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "Bartolo") qalu li, flimkien mal-imħarrkin miżżewġin Caruana (minn issa 'l hemm imsejħin "Caruana"), huma s-sidien indaqs tan-negozju u ta' dak li jiġi miegħu f'gabbana bl-isem "*Marea Kiosk*" fl-Għadira, fil-limiti tal-Mellieħa. Tennew li, minħabba xi diżgwid li nqala' bejniethom, ma xtaqux jibqgħu fi stat ta' komunjoni ma' Caruana u kienu fetħulhom kawża għal dan il-għan, imma billi waqt is-smigħ ta' dik il-kawża l-intimata Caruana xehdet li kienet biegħet u trasferiet favur bintha kull interess li seta' kellha

---

[1] B'digriet tal-20 ta' Mejju, 2016, il-ġudizzju f'isem Philip Bartolo li miet fil-mori tal-kawża, ġie trasfuż għal fuq isem l-istess Emanuela Bartolo, Elton Bartolo u Rachel Żammit Bartolo.
[2] Riferenza għall-kawża Rik. Nru. 281/06AF li kienet qiegħda tinstema' ma' din u li s-sentenza tagħha ngħatat ukoll fl-istess jum tas-sentenza appellata.

fil-gabbana, ġie li Caruana kisret l-obbligazzjonijiet fiduċjarji tagħha lejhom. Talbu, għalhekk, li dik il-Qorti ssib li t-trasferiment kien frawdolenti fil-konfront tagħhom u tħassru. Talbu wkoll li, safejn l-intimata Caruana dawret fuq bintha l-permessi tal-konċessjoni li kellha mill-Kummissarju tal-Artijiet, dik il-Qorti ssib li ma kienx jiswa u kien bla effett u tordna li jerġa' jdur fuq isem l-intimata Caruana;

3. Illi fit-Tweġiba Maħlufa, Caruana laqgħu billi qalu li l-ewwel talba saret għalxejn għaliex hija l-istess bħall-ewwel talba li saret fil-kawża l-oħra. Laqgħu wkoll billi qalu li biex tkun tgħodd soċjeta` universali tal-qligħ li jallegaw Bartolo, kien meħtieġ li l-ftehim isir b'att nutarili pubbliku kif titlob il-liġi fl-Artikoli 1649(2) u 1651 tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħu wkoll billi qalu li l-konċessjoni għat-tiżmim tal-gabbana favur Marthese Caruana mid-Dipartiment tal-Artijiet tinħareġ sena b'sena u għaldaqstant li kieku tabilħaqq jeżisti ftehim ma' Bartolo, il-ftehim kien ikollu jiġġedded bejniethom kull sena wkoll. Ċaħdu li kien hemm xi rabta fiduċjarja lejn Bartolo u billi t-tieni talba tiddependi fuq l-ewwel talba li hija insostenibbli legalment, din it-talba ma tistax treġi. Jgħidu li Marthese Caruana kienet ħielsa u kellha kull jedd li tgħaddi l-assi u l-permess tal-gabbana lil binthom Rayona Caruana u għaldaqstant it-tielet talba wkoll mhix sostenibbli. Ċaħdu li mxew ma' Bartolo b'qerq jew b'mod frawdolenti billi fil-waqt meta seħħ it-trasferiment ma kien hemm ebda inibizzjoni li żżomm lill-intimata Caruana milli tagħmel dak li kellha l-jedd tagħmel.

Qalu wkoll li r-raba' talba ma kinitx sostenibbli billi l-permess mill-Kummissarju tal-Artijiet huwa fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju. Temmew jgħidu li l-appellat Bartolo ma kellu l-ebda *locus standi* fil-konfront tar-relazzjoni bejn Marthese u Rayona Caruana u l-Kummissarju tal-Artijiet;

4. Illi fit-Tweġiba Maħlufa tiegħu l-Kummissarju tal-Artijiet laqa' billi qal li l-azzjoni ma kinitx tiswa billi saret bi ksur ta' dak li jitlob l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Żied jgħid li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa ladarba l-permess mertu tal-kawża kien jirrigwarda konċessjoni ta' *encroachment* fuq art pubblika li kien skada fil-15 ta' Ottubru 2007, għaldaqstant it-talbiet kif diretti fil-konfront tiegħu huma nfondati;

5. Illi fit-Tweġiba Maħlufa tagħha l-intimata Rayona Caruana laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet ma kienx jistħoqqilhom jintlaqgħu u saħqet li kienet ommha, Marthese Caruana, li kellha jedd fuq il-gabbana u Bartolo ma kellhom ebda sehem minnu. Żiedet tgħid li ommha ttrasferitilha n-negozju minn rajha u bla ma kien hemm xejn x'iżommha milli tagħmel dan, u li l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet ma għamel xejn ħażin meta għaraf lilha bħala l-konċessjonarja l-ġdida tal-gabbana;

6. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat illi l-iskop tal-kawża odjerna huwa (1) biex jiġi dikjarat null it-trasferiment/bejgħ tal-Marea Kiosk (inkluż l-assi tanġibbli, bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tal-istess negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor fuq l-istess negozju) minn Marthese Caruana għal bintha Rayona, u (2) biex jiġi dikjarat null il-permess għall-ġestjoni tal-istess gabbana intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet:*

*Ir-rikorrenti Bartolo sentejn qabel ma fetħu l-kawża odjerna kienu fetħu kawża kontra l-intimati Caruana (281/06AF) fejn talbu li jiġi dikjarat li għandhom nofs (½) indiviż u l-intimati għandhom nofs (½) indiviż ieħor min-negozju tal-"MAREA KIOSK" fl-Għadira. Talbu li minħabba diżgwid li inqala' bejniethom ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-intimati Caruana u għalhekk għamlu din il-kawża biex jiġi dikjarat li n-negozju tal-kjosk (bl-assi tanġibbli bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tan-negożju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor) mhux komodament diviżibbli u konsegwentement għandu jiġi ordnat il-bejgħ fl-irkant tiegħu mingħajr oblaturi estaneji. Talbu wkoll li f'każ li jirriżulta li huwa fil-fatt kommodament diviżibbli jinqasam ugwalment bejniethom.*

*Fil-mori ta' tali kawża irriżulta li Marthese Caruana biegħet in-negozju tal-gabbana lil bintha Rayona u ċeditilha l-"beach concession" li kellha fuq isimha. Ir-rikorrenti fil-kawża odjerna qegħdin isostnu li l-intimati konjuġi Caruana kellhom obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom u li abbażi tal-Artikoli 1124A u 1871A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kellhom id-dmir li jħarsu l-interessi tagħhom. Jilmentaw li peress li għandhom nofs indiviż minn tali negozju tal-gabbana, bit-trasferiment/bejgħ tan-negozju tal-gabbana lil Rayona Caruana, l-intimati konjuġi Caruana flimkien ma' Rayona Caruana illedew l-obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom.*

*Huma intavolaw din il-kawża odjerna biex jiġi dikjarat li n-negozju tal-gabbana huwa proprjetà komuni tagħhom f'ishma indaqs u konsegwentement jiġi dikjarat li t-trasferiment/bejgħ tan-negozju lil Rayona Caruana huwa null għaliex sar b'mod frawdolenti u bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji li l-konjuġi Caruana kellhom fil-konfront tagħhom. Jitolbu wkoll li jiġi dikjarat li l-permess għall-ġestjoni tal-gabbana kif intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet huwa wkoll null.*

*Il-Kummissarju tal-Artijiet preliminarjament wieġeb illi r-rikors ġuramentat huwa null stante li l-ebda ittra uffiċjali jew protest ma ġew notifikati lilu skont l-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma ġie ppreżentat dan ir-rikors.*

*L-Artikolu 460(1) fil-fatt jistipula hekk:*

> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika filkwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem minnotifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew ittalba tiġi mfissra b'mod ċar."*

*L-eċċezzjonijiet għal dan is-subartikolu, kif elenkati fis-subartikolu (2) ma japplikawx fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.*

*Fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja"[3] ġie ritenut:*

> *"Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern f' kawżi li fihom ikun imħarrek u ġie mfisser bħala regola ta' ordni pubbliku, u japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern… Illi l-imsemmi privileġġ, jekk ma jitħarisx, iwassal għan-nullità tal-azzjoni li tkun ittieħdet bi ksur tiegħu."*

*Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet "Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana"[4] intqal hekk:*

> *"Huwa desumibbli mill-artikolu appena ċitat illi l-liġi tirrikjedi tassattivament il-preżentata ta' ittra uffiċjali jew protest…..tajjeb li jingħad illi kif akkolt fil-ġurisprudenza anke f'każ illi r-Reġistratur ikun ippermetta l-preżentata taċ-ċitazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullità imposta mil-liġi. (Ara "Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 15 ta' Jannar 1993)"*

***Jirriżulta għalhekk li r-rikors ġurament odjern huwa null fir-rigward tal-Kummissarju tal-Artijiet.***

*Ghal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-intimati l-konjuġi Caruana li l-ewwel talba saret inutilment peress li diġa saret fil-kawża l-oħra:*

*L-intimati l-konjuġi Caruana wieġbu fl-ewwel lok li l-ewwel talba (biex jiġi dikjarat li n-negozju tal-gabbana huwa tagħhom u tal-konjuġi Bartolo) diġa saret fil-kawża l-oħra (281/06AF) u għalhekk din odjerna saret inutilment. Jgħidu wkoll li hija insostenibbli legalment għaliex skont l-Artikolu 1649(2) tal-Kodiċi Ċivili, soċjetà universali ta' profitti mhix valida jekk ma tkunx saret bil-miktub, u in oltre peress li d-dritt fuq immobbli kien jispetta lil Marthese Caruana kellu jsir att pubbliku a tenur tal-Artikolu 1651.*

*Effettivament għandhom raġun jgħidu li din it-talba diġa saret fil-kawża*

[3] Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja, 26.06.2003, P.A. Imħ RCP.
[4] Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana, 10.04.2003, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Imħ. P.S.

*l-oħra 281/06AF. Fil-fatt din l-istess qorti qegħda tippronunzja ruħha dwarha fis-sentenza li qegħda tingħata wkoll illum. L-argument tal-intimati dwar l-insostenibilita` tal-ewwel talba legalment abbażi tal-Artikolu 1649(2) u l-Artikolu 1651 ma tressqux però fil-kawża l-oħra[5] u għalhekk din il-qorti ma kkunsidrathomx (u lanqas ma hija ser tikkunsidrahom f'din, gialadarba hija qed taqbel mal-intimati illi l-ewwel talba odjerna saret inutilment).*

*L-intimati jiċħdu li qatt kien hemm ftehim bejniethom dwar xi negozju u għalhekk isostnu li ma jreġix l-argument tagħhom li kien hemm ksur ta' xi obbligi fiduċjarji meta n-negozju u l-permessi tal-ġestjoni tiegħu ġew trasferiti/mibjugħa lil Rayona Caruana.*

*Però fis-sentenza li qegħda tingħata fil-kawża l-oħra (281/06AF) llum stess, din il-qorti invece qegħda tiddikjara li n-negozju tal-gabbana in kwistjoni (fil-mument li ġie trasferit/mibjugħ lil Rayona Caruana) kien effettivament proprjetà tal-kontendenti l-konjuġi Bartolo u l-konjuġi Caruana f'ishma indaqs (50/50) anke jekk skont l-iskrittura privata tad-9 ta' Lulju 1988 Mario Caruana kien ċeda l-konċessjoni tal-gabbana lil Marthese Caruana biss u biegħ il-gabbana bl-istokk kollu lilha biss. Għalkemm kienet qegħda tidher bħala l-unika sid tal-gabbana, il-ftehim bejnha u bejn ħuha (u oriġinarjament anke ħuhom l-ieħor Raymond) kien mod ieħor:* ***u cioé li bħala sid tidher hi iżda bħala negozju ikunu bi sħab.***

*<u>L-Artikolu 1871A(1) jistipula hekk:</u>*

> *"Kull persuna li żżomm proprjetà għal persuna oħra, iżżomm il-proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn il-persuna li tinkarigaha għal dak l-għan, u tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji."*

*<u>L-Artikolu 1124A jistipula hekk:</u>*

> *"(1) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imġieba fejn persuna (il-"fiduċjarju") –*
>
> *(a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew*
>
> *(b) iżżomm, teżerċita kontroll jew jkollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew*
>
> *(ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett.*

[5] Effettivament l-intimati fil-kawża l-oħra talbu li jressqu l-eċċezzjoni dwar l-insostenibilita` tal-ewwel talba abbażi tal-Artikolu 1649(2) u 1651 fi stadju ulterjuri iżda l-qorti ċaħdet it-talba peress li ma kienx hemm raġuni valida għaliex ma ngħatax fir-risposta oriġnali.

*(2) Persuna li tkun delegata xi funzjoni minn fiduċjarju u tkun taf, jew miċ-ċirkostanzi għandha tkun taf bl-obbligazzjonijiet fiduċjarji għandha wkoll titqies li hi soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji.*

*(3) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu minn imġieba meta persuna –*

*(a) mingħajr ma jkollha dritt, tieħu u tagħmel użu minn proprjetà jew tagħrif li jkunu ta' ħaddieħor, sew għall-benefiċċju tagħha jew xort'oħra; jew*

*(b) meta tkun terza persuna, taġixxi meta tkun taf, jew meta tkun raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi, bil-ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji mill-fiduċjarju, u tirċievi jew xort'oħra takkwista proprjetà jew tagħmel qligħ ieħor mill-għemil jew permezz tal-għemil tal-fiduċjarju.*

*(4) Mingħajr preġudizzju għad-dmir ta' fiduċjarju li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-ikbar bona fide u li jaġixxi b'mod onest fil-każijiet kollha, fiduċjarju jkun marbut, bla ħsara għad-disposizzjoni espressa ta' liġi jew kondizzjonijiet espressi ta' xi kuntratt bil-miktub li jeskludi jew jimmodifika dak id-dmir, skont il-każ –*

*(a) li jeżerċita d-diliġenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu;*

*(b) li jevita kull konflitt ta' interess;*

*(ċ) li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu;*

*(d) li jaġixxi b'mod imparzjali meta d-dmirijiet ta' fiduċjarju jkunu lejn iktar minn persuna waħda;*

*(e) li jżomm kull proprjetà li tista' tkun akkwistata jew miżmuma bħala benefiċjarju, segregata mill-proprjetà personali tiegħu u minn dik ta' persuna oħra li favur tagħhom jista' jkollu obbligazzjonijiet simili;*

*(f) li jżomm records xierqa bil-miktub tal-interess tal-persuna li favur tagħha jkunu obbligati l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;*

*(g) li jagħti kont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;*

*(h) li jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjetà miżmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament ikollha jedd għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xort'oħra meħtieġa mil-liġi applikabbli.*

*(5) B'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser dawk l-obbligazzjonijiet tkun marbuta li trodd lura kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnha, sew direttament sew indirettament, lil min ikun dovut id-dmir.*

*(6) L-obbligu li tingħata lura proprjetà miksuba minn ksur ta' dmir fiduċjarju għandu japplika wkoll għall-proprjetà kollha li fiha il-proprjetà oriġinali kienet konvertita jew li biha kienet sostitwita."*

*(Jiġi osservat li dawn l-artikoli ġew introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att XIII tal-2004 u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005 u għalhekk kienu in vigore meta seħħew il-fatti li taw lok għal din il-vertenza).*

*Fil-fehma ta' din il-qorti, iċ-ċirkostanzi odjerni jinkwadraw taħt dawn id-dispożizzjonijiet: l-intimata Marthese Caruana, li uffiċjalment kienet tidher li hija s-sid tan-negozju, kienet qed iżżomm in-nofs indiviż ta' ħuha Philip Bartolo għalih. Skont l-Artikolu 1871A(1) kull persuna li żżomm proprjetà għal persuna oħra, iżżomm il-proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn il-persuna li tinkarigaha għal dan il-għan u tkun regolata bid-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-obbligazzjonijiet fiduċjarji. Dawn l-obbligi naxxenti mill-Artikolu 1124A fost oħrajn jirrikjedu mill-fiduċjarju id-dmir li jħares l-interessi tal-persuna, jeżerċita d-diliġenża ta' bonuspaterfamilias, u jżomm il-proprjetà segregata minn tiegħu.*

*Meta Marthese Bartolo ttrasferiet/biegħet in-negozju lil bintha Rayona u meta kitbet lid-Dipartiment tal-Artijiet fil-15 ta' Frar 2006*[6] *biex tiddikjara li ma kellhiex oġġezzjoni li l-permess tal-gabbana jibda jinħareġ fuq isem bintha, hija kisret l-obbligi fiduċjarji li kellha fil-konfront tar-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 1124A u 1871A tal-Kapitolu 16. Flok ma ħarset l-interessi ta' ħuha li għal tant snin mexxa n-negozju u qasam il-profitti flimkien magħha, hija abbużat u ħadet vantaġġ mill-fatt li l-"mobile kiosk permit" kien intestat fuq isimha u mill-fatt li fuq l-iskrittura privata tad-9 ta' Lulju 1988 jirriżulta li Mario Caruana kien qed iċedi l-konċessjoni tal-gabbana lilha u jbiegħ il-gabbana bl-istokk b'kollox lilha, appropriat jew "għamlet użu" min-nofs indiviż ta' ħuha u għamlitu tagħha, u qabdet u ttrasferiet/biegħet in-negozju kollu lil bintha u anke għinitha biex il-permess tal-ġestjoni tan-negozju jiġi intestat fuqha.*

*Da parti tagħha, Rayona Caruana jista' jingħad li kienet raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi bil-ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji da parti ta' ommha, iżda nonostante dan hija irċeviet u akkwistat in-negożju tal-gabbana li ttrasferitilha/biegħetilha ommha [Vide Art 1124A(3)(b)]. Fil-fehma ta' din il-qorti ma tantx hija kredibbli l-verżjoni tagħha*[7] *li ma kinitx taf li ommha u Philip Bartolo kieu jaqsmu l-flus tal-gabbana bejniethom qabel ma ħaditu f'idejha hi.*

*L-Artikolu 1124A(5) tal-Kap 16 jistipula li b'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser tali obbligazzjonijiet hija marbuta li trodd lura l-proprjeta` miksuba minnha.* ***Jiġi osservat però li r-rikorrenti mhux qed jitolbu li s-sehem tagħhom tan-negozju "jintradd lura" abbażi tal-fatt li inkisru l-obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom, iżda li t-***

[6] Ittra li Marthese Caruana bagħtet lid-Dipartiment tal-Artijiet, 15.02.2006, fol 100.
[7] Xiehda ta' Rayona Caruana tas-06.10.2011, fol 125-127.

***trasferiment/bejgħ tan-negozju minn Marthese Caruana għal fuq Rayona Caruana jiġi dikjarat <u>null u rexiss fil-liġi</u> għaliex it-trasferiment/bejgħ lil Rayona kien (i) frawdolenti u (ii) għaliex sar b'leżjoni tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom (għalkemm in-nullità mhux kontemplata fl-artikoli rigwardanti l-obbligazzjonijiet fiduċjarji u l-ksur tagħhom).***

*Fil-fehma ta' din il-qorti huwa ċar li l-aġir ta' Marthese Caruana kien riżultat ta' mala fede u ta' għan frawdolenti. Sinifikanti ħafna huwa l-fatt li proprju s-sena ta' qabel, fl-2005, l-istess Marthese Caruana (nonostante li kien ilha żmien twil taqsam il-profitti tan-negozju ma' ħuha) rreġistratu għall-ewwel darba bħala impjegat tagħha mal-ETC - u ftit xhur wara itterminatlu l-"impieg" minħabba "redundancy"! Dan juri kemm verament it-trasferiment/bejgħ tal-kjosk lil Rayona Caruana kien riżultat ta' pjan frawdolenti.*

*Dwar l-allegata nullità tat-trasferiment/bejgħ tal-Marea Kiosk (inkluż kull assi tanġibbli, bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tan-negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor fuq in-negozju) lil Rayona Caruana, l-intimati jgħidu li t-talba biex it-trasferiment/bejgħ tan-negozju jiġi dikjarat null hija insostenibbli għaliex il-konjuġi Bartolo ma kellhom l-ebda drittijiet fuq il-gabbana. Binthom l-intimata l-oħra Rayona Caruana ukoll issostni li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda drittijiet fuq il-gabbana u li ommha Marthese Caruana kellha kull dritt li tittrasferixxilha l-gabbana.*

*Fil-fehma ta' din il-qorti, ladarba qed jiġi stabbilit (fil-kawża l-oħra) li l-konjuġi Bartolo fil-fatt kellhom drittijiet fuq il-gabbana abbażi tal-fatt li jirriżulta li Philip Bartolo u Marthese Caruana kienu sħab b'ishma ugwali fin-negozju, u ladarba qed jirriżulta għas-sodisfazzjon ta' din il-qorti f'din il-kawża li t-trasferiment/bejgħ tan-negozju tal-gabbana minn Marthese Caruana għal fuq bintha Rayona Caruana sar bi skop frawdolenti, isegwi li tali trasferiment/bejgħ huwa fil-fatt null abbażi tal-prinċipju li* ***fraus omnia corrumpit.***

*Dwar l-allegata nullità tal-permess tal-ġestjoni tan-negozju intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet, l-intimati l-konjuġi Caruana jsostnu li hija bla bażi legali t-talba tar-rikorrenti Bartolo li l-permess maħruġ mill-Kummissarju tal-Artijiet kif intestat fuq Rayona Caruana jiġi dikjarat null. Jargumentaw li Philip Bartolo m'għandu l-ebda locus standi fir-relazzjoni bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u Marthese u Rayona Caruana. Binthom l-intimata Rayona Caruana ukoll issostni li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda dritt fil-kwistjoni tal-konċessjoni mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet, u għalhekk il-Kummissarju tal-Artijiet kellu kull dritt li jagħti konċessjoni ġdida lilha bil-kunsens t'ommha.*

*Hija l-fehma ta' din il-qorti li ma tistax tiddikjara n-nullità tal-permess għall-ġestjoni tal-gabbana (beach concession) numru 79292 li dawn l-*

*aħħar snin kien intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet. Kull konċessjoni li effettivament ħarġet fuq Rayona Caruana (għall-perjodu minn nofs Mejju sa nofs Ottubru) skadiet, u kull sena toħroġ konċessjoni ġdida. Fil-fatt fix-xiehda tiegħu Frank Mizzi*[8] *(enforcement coordinator mas-sezzjoni tal-Land Directorate xehed illi "Għall-kummissarju tal-Artijiet kull konċessjoni hija operattiva għal sena waħda biss u cioé mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Ottubru."*

*Meta jsir il-bejgħ bl-irkant kif qed jiġi ordnat minn din il-qorti fil-kawża l-oħra, il-parti li effettivament takkwista n-negozju tal-gabbana*[9] *għandha tirrikorri għand l-awtoritajiet rispettivi biex il-permessi kollha relattivi għall-gabbana jinqalbu fuq isimha.*";

7. Illi Caruana ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-22 ta' Marzu, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, filwaqt li ssollevaw bħala aggravju n-nullita` tas-sentenza appellata, talbu li din il-Qorti tilqa' l-appell tagħhom u timmodifika, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti ċaħdet ir-raba' talba attriċi, u tannullaha, tirrevokaha u tħassarha safejn laqgħet it-tieni talba u wkoll safejn laqgħet limitatament it-tielet talba, u fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħhom. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

8. Illi permezz ta' Tweġiba mressqa fis-6 ta' April, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellati laqgħu billi qalu li l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż. Inqdew bl-imsemmija Tweġiba tagħhom biex ressqu appell inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza fejn il-Kummissarju tal-Artijiet inħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju safejn it-talbiet in kwantu ġew

---

[8] Xhieda ta' Frank Mizzi tas-17.02.2011, fol 23.

[9] Ladarba mhux ser ikun hemm oblaturi estranji ser ikunu r-rikorrenti konjuġi Bartolo jew ir-rikorrenti konjuġi Caruana li ser jakkwistaw il-gabbana.

diretti lejn il-Kummissarju tal-Artijiet ġew miċħuda. Għaldaqstant talbu li din il-Qorti timmodifika, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha għal kollox fil-konfront tal-appellanti Caruana u tħassarha fejn ċaħdet ir-raba' talba tagħhom fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet billi tilqa' l-istess talba;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża 281/06AF li kienet miexja magħha;

10. Semgħet it-trattazzjoni mid-difensuri taż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Mejju, 2021, f'liema smigħ ħalliet l-appell għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' ftehim minħabba qerq u ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji. Bartolo jgħidu li t-trasferiment magħmul mill-appellanti Marthese Caruana lill-appellanti bintha Rayona tal-gabbana "*Marea Kiosk*" fil-Bajja tal-Għadira, fil-limiti tal-Mellieħa, u ta' dak kollu li jagħmel minnha sar b'qerq u bi ksur tar-rabtiet fiduċjarji li tal-ewwel kellha lejhom dwar l-istess gabbana u n-negozju li nbena minnha bi sħab bejniethom matul medda twila ta' snin. L-azzjoni waslu għaliha wara stqarrija li għamlet l-imsemmija appellanti hija u tixhed f'kawża bejn l-istess partijiet u dwar l-istess kwistjoni fejn qalet li kienet dawret il-

permess u biegħet in-negozju tal-gabbana lil bintha Rayona. Minħabba li jgħidu li kellha obbligi fiduċjarji lejhom dwar il-gabbana u n-negozju mmexxi minnha, Bartolo talbu t-tħassir tal-ftehim u kif ukoll tat-trasferiment tal-permessi tal-konċessjoni li saru mill-Kummissarju appellat lill-appellanti Rayona Caruana, u li l-istess permess jerġa' jsejjaħ lil ommha. L-ewwel Qorti, astjeniet milli tqis l-ewwel talba billi fil-kawża l-oħra msemmija kienet saret talba bħalha u b'konsegwenza warrbet ukoll l-ewwel eċċezzjoni mressqa minn Caruana, laqgħet it-tieni talba u sabet li l-miżżewġin Caruana kellhom obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tal-miżżewġin Bartolo u li kisru l-istess obbligazzjonijiet, laqgħet it-tielet talba limitatament billi sabet li t-trasferiment lill-appellanti Rayona Caruana sar b'qerq u għaldaqstant ma jiswiex fil-liġi, u ċaħdet ir-raba' talba fejn intalbet dikjarazzjoni ta' nullita` tal-ħruġ tal-permess tal-konċessjoni tal-gabbana fuq isem l-appellanti Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet;

12. Illi fl-appell ewlieni tagħhom Caruana jressqu **erba' aggravji** mis-sentenza appellata li, fil-qosor, jinġabru hekk: (i) in-nullita` tagħha minħabba li ngħatat b'"okkju" ħażin meta ma saritx il-leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt tal-attur Philip Bartolo qabel l-għoti tagħha u għalhekk dik is-sentenza ġiet mhux aktar eżegwibbli; (ii) in-nuqqas min-naħa tal-ewwel Qorti milli tqis kif imiss eċċezzjoni formalment imressqa u saħansitra debitament ittrattata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet; (iii) is-sejbien min-naħa tal-ewwel Qorti li t-trasferiment tal-gabbana u n-negozju

li jagħmel minnha sar b'qerq; u (iv) l-insostenibilita` tat-tielet paragrafu tal-parti deċiżorja tagħha;

13. Illi l-**ewwel aggravju** ta' Caruana jitkellem dwar preġudizzjali proċedurali li, kieku kellu jintlaqa', ma jkunx hemm ħtieġa li jitqiesu l-aggravji l-oħrajn u s-sentenza appellata titħassar. Fil-fehma ta' Caruana, is-sentenza hija nulla billi l-"okkju" ma jirriflettix il-partijiet u dan minħabba li l-attur appellat Philip Bartolo ġie nieqes hi u miexja l-kawża. Jgħidu li, ladarba ngħatat b'dak in-nuqqas, is-sentenza appellata ma tiswiex u lanqas tista' tkun eżegwibbli, jekk mhux billi titħassar u terġa' tingħata mill-ġdid;

14. Illi Bartolo jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li ladarba Philip Bartolo ġie nieqes wara li l-kawża kienet imħollija għas-sentenza, ma kienx hemm il-ħtieġa tal-leġitimazzjoni tal-atti. F'kull każ, jgħidu li kienu ressqu rikors għal dan il-għan flimkien mat-Tweġiba tal-Appell tagħhom u din il-Qorti laqgħetu u ordnat il-bdil tal-"okkju";

15. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju m'huwiex tajjeb u bl-ebda mod ma jista' jingħad li s-sentenza appellata ma tiswiex minħabba ċirkostanza bħal din. L-imsemmi attur miet fi Frar 2013, jiġifieri aktar minn tliet (3) snin qabel ingħatat is-sentenza appellata. Meta miet, il-kawża kienet diġa` tħalliet għas-sentenza. Ladarba fi żmien sitt xhur mill-mewt tiegħu

ma jirriżultax li tressqet talba minn xi persuna sabiex tkompli l-kawża minfloku, l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta kompliet il-kawża f'isem il-mejjet Philip Bartolo, u s-sentenza appellata hija llum eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet, kif tgħid il-liġi fl-Artikolu 810B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[10]

16. Illi l-Qorti tqis li, wara l-għoti tas-sentenza appellata, il-werrieta ta' Philip Bartolo ressqu talba[11] quddiem din il-Qorti sabiex il-ġudizzju tal-kawża appellata jiġi trasfuż fuqhom bħala l-werrieta tiegħu, liema talba ntlaqgħet minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2016;

17. Illi tqis ukoll li bis-saħħa tal-bidliet li ddaħħlu fil-Kodiċi bl-Att IV tal-2016, din il-Qorti ngħatat is-setgħa li tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenzi tal-Qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-Qorti tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunita` li jinstemgħu[12];

18. Illi dan l-aggravju għaldaqstant ser jiġi miċħud għaliex m'għandux mis-sewwa;

---

[10] L-Artikolu 810B ġie introdott fil-Kap. 12 permezz tal-Art. 6 tal-Att XVII tal-2012.
[11] Paġ. 284 tal-proċess.
[12] Ara Art. 175(2) fl-ewwel *proviso* tiegħu.

19. Illi bit-**tieni aggravju** tagħhom, Caruana jgħidu li s-sentenza appellata ma tiswiex ukoll għaliex għalkemm espressament qajmu eċċezzjoni (it-tieni eċċezzjoni tagħhom) dwar is-sostenibilita` tal-ewwel talba attriċi, l-ewwel Qorti warrbitha u għażlet li tinjoraha. Din ukoll hija preġudizzjali proċedurali li titlob li l-Qorti tqisha qabel tgħaddi għall-aggravji dwar il-mertu. L-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti mhux biss injorat id-difiża legali tagħhom, imma wkoll id-dispożizzjonijiet tal-liġi. Jgħidu wkoll li b'dan il-mod, ma hemmx rimedju ieħor għajr li s-sentenza appellata titħassar u, biex ma jintilifx il-benefiċċju tal-eżami doppju, l-eċċezzjoni tkun trattata mill-ġdid quddiem l-ewwel Qorti u tingħata deċiżjoni dwarha;

20. Illi Bartolo jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li s-sentenza appellata mhix nulla skont l-Artikolu 1649(2) jew l-Artikolu 1651 tal-Kodiċi Ċivili billi n-negozju mmexxi mill-gabbana ma kienx, kif jgħidu Caruana, soċjeta` universali ta' qligħ imma assoċjazzjoni partikolari fuq negozju partikolari li għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1650 tal-istess Kodiċi. Wara li għamlu ġabra tal-ġrajjiet li għaddew minnhom il-partijiet dwar il-mod kif il-gabbana tmexxiet matul medda ta' snin, fissru li ma kien hemm qatt il-ħtieġa li dak li sar bi sħab bejn il-partijiet jitniżżel f'att nutarili pubbliku u għalhekk l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma kkonsidratx l-eċċezzjoni msemmija;

21. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju u l-qafas taċ-ċirkostanzi proċedurali li minħabba fih tnissel jitolbu stħarriġ x'aktarx delikat. Jibda biex jingħad li t-tieni eċċezzjoni li dwarha tressaq dan l-aggravju u li Caruana jgħidu li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra, kienet marbuta espressament mal-ewwel talba attriċi. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, Caruana qalu li l-ewwel talba attriċi saret għalxejn għaliex talba bħalha kienet saret fil-kawża l-oħra li kienet miexja ma' din. L-ewwel Qorti, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u għalhekk astjeniet milli tqis aktar l-ewwel talba (li qisitha fil-mertu u tat sentenza dwarha fil-kawża l-oħra). Minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis l-ewwel talba ma sarx appell u għalhekk, sakemm is-sentenza appellata ma titħassarx, dik il-parti tas-sentenza tikkostitwixxi ġudikat;

22. Illi l-mistoqsija li tqum hija din: jekk it-tieni eċċezzjoni kienet marbuta mal-ewwel talba, u jekk (f'din il-kawża) l-ewwel talba saret għalxejn, kien meħtieġ li l-ewwel Qorti tqis it-tieni eċċezzjoni li tqajmet appożitament dwar is-siwi ta' dak mitlub fl-ewwel talba?;

23. Illi fis-sewwa u biex ikun ingħad kollox, il-Qorti tosserva li fil-kawża l-oħra (fejn l-ewwel talba kienet saret bl-istess mod), Caruana kienu talbu lill-ewwel Qorti tħallihom iressqu eċċezzjoni ulterjuri bħat-tieni eċċezzjoni li ressqu f'din il-kawża. B'digriet li tat dik il-Qorti, it-talba ma ntlaqgħetx. Minn dak id-digriet sar appell u fis-sentenza li din il-Qorti qiegħda tagħti

llum f'dik il-kawża, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dak l-appell ma ntlaqax. Għalhekk tqum mistoqsija oħra: l-ewwel Qorti kellha tqis it-tieni eċċezzjoni mqajma f'din il-kawża hi u tqis is-siwi tal-ewwel talba fil-kawża l-oħra, ladarba dik l-ewwel talba kienet l-istess bħall-ewwel talba f'din il-kawża u ladarba ż-żewġ kawżi kienu mexjin flimkien?;

24. Illi l-eċċezzjoni ġiet trattata fid-dettal fin-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa minn Caruana quddiem l-ewwel Qorti[13]. F'din il-kawża, l-ewwel Qorti, fuq il-premessa li kienet tat deċiżjoni dwar din it-talba fil-kawża Nru. 281/06, ma ratx il-ħtieġa li tqis l-argument imressaq mill-appellanti u bħala raġuni għal dan tgħid hekk: "*Effettivament għandhom raġun jgħidu li din it-talba diġa` saret fil-kawża l-oħra 281/06AF. Fil-fatt din l-istess qorti qegħda tippronunzja ruħha dwarha fis-sentenza li qegħda tingħata wkoll illum. L-argument tal-intimati dwar l-insostenibilita` tal-ewwel talba legalment abbażi tal-Artikolu 1649(2) u l-Artikolu 1651 ma tressqux però fil-kawża l-oħra u għalhekk din il-qorti ma kkunsidrathomx (u lanqas ma hija ser tikkunsidrhom f'din, ġaladarba hija qed taqbel mal-intimati illi l-ewwel talba odjerna saret inutilment)*";

25. Illi kif diġa` ngħad, l-aggravju li qiegħda tistħarreġ din il-Qorti huwa msejjes fuq in-nullita` tas-sentenza appellata. In-nullita` ta' sentenza hija ċirkostanza li titlob l-eżistenza ta' raġuni serja, dwar xi kontinġenza

[13] Ara paġġ. 158 sa 178 tal-proċess.

maħsuba mil-liġi, li trid tkun ippruvata kif imiss minn min iqajjem l-eċċezzjoni u, fuq kollox, li trid tkun ippruvata kif imiss mill-istess eċċipjent. Minbarra dan, l-eċċezzjoni tan-nullita` tas-sentenza ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza appellata tkun ġusta fil-qofol tagħha u jekk kemm-il darba ma tkunx imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni, nuqqas ta' ċitazzjoni, l-illeġittimita` tal-persuna, l-ultrapetizzjoni jew l-extrapetizzjoni, jew jekk ikun fiha xi difett li jġib ħsara lill-jedd tas-smigħ xieraq tal-parti. Għalhekk, jekk l-eċċezzjoni li ma tkunx ingħatat sentenza dwarha imqar tkun waħda li l-liġi tgħid li trid tingħata taħt kap għaliha fis-sentenza[14], l-eċċezzjoni tan-nullita` tas-sentenza xorta waħda tista' ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza tkun ġusta fis-sustanza[15];

26. Illi għalhekk wieħed irid jara jekk in-nuqqas min-naħa tal-ewwel Qorti li tqis u tilqa' t-tieni eċċezzjoni mqajma minn Caruana kinitx ħaġa li twassal għan-nullita` tas-sentenza appellata. Jibda biex jingħad li l-eċċezzjoni ma kinitx waħda li l-liġi titlob li kellha tingħata deċiżjoni dwarha b'sentenza għaliha jew b'kap għaliha fis-sentenza fil-mertu[16]. Lanqas kienet eċċezzjoni ta' sura perentorja tal-ġudizzju. Kienet eċċezzjoni li titkellem dwar l-insostenibilita` ta' talba partikolari u marbuta sfiq magħha. Fil-kawża mibdija minn Bartolo tressqu talbiet oħrajn li dik l-eċċezzjoni ma kinitx tirrigwardahom u li dwarhom tressqu eċċezzjonijiet oħrajn minn

[14] App. Inf. PS **7.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Paċe et v. Alfred Theuma.***
[15] App. Inf. PS **20.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja.***
[16] Art. 730 tal-Kap 12.

Caruana u li l-ewwel Qorti qisithom u ċaħdithom. L-eċċezzjoni taħt eżami tinbena wkoll fuq il-presuppost essenzjali li r-rabta bejn Bartolo u Caruana kienet waħda ta' soċjeta` universali tal-qligħ kif magħrufa fl-Artikolu 1649(1) tal-Kodiċi Ċivili u li għalhekk kellu jintwera li din twaqqfet bis-saħħa ta' att pubbliku, kif trid il-liġi[17];

27. Illi minn eżami bir-reqqa li għamlet din il-Qorti kemm tal-atti ta' din il-kawża u kif ukoll tal-kawża l-oħra li kienet miexja magħha, qajla jista' jingħad li dik bejn il-partijiet kienet tabilħaqq soċjeta` universali ta' qligħ, kif mifhuma mil-liġi u mid-duttrina[18], meta mill-istess atti joħroġ ċar li dak in-negozju kien sħubija fuq attivita` ekonomika partikolari marbuta mat-tmexxija tal-gabbana, u meta għall-anqas l-attur Philip Bartolo kellu attivita` ekonomika ewlenija oħra għal rasu li Caruana ma kienu bl-ebda mod imdaħħlin fiha. Issa l-eċċezzjoni mertu tal-aggravju kienet tgħid sewwasew li jekk kemm-il darba r-rabta li kien hemm bejn Caruana u Bartolo kienet tassew waħda ta' soċjeta` universali ta' qligħ, ma kinitx tiswa *ad validitatem* jekk ma saritx b'att pubbliku. Kif tabilħaqq jisħqu Caruana (u dan sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata[19]) kuntratt pubbliku bejnhom u Bartolo qatt ma sar. Bartolo mkien ma jsemmu (fir-rikors li bih fetħu l-kawża) li l-arranġament ta' bejn il-partijiet kien soċjeta` universali ta' qligħ (fil-fatt, il-kelma "soċjeta`" ma tissemma

[17] Art. 1649(2) tal-Kap 16.
[18] Ara Caruana Galizia <u>Notes on Civil Law: Partnerships</u> f'paġġ. 775 – 6.
[19] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'opaġġ. 158 sa 162 tal-proċess.

qatt f'dak l-att). Għalhekk, l-eċċezzjoni kienet tippostula stat (il)legali miċħud minnha stess u mmirat lejn talba attriċi li qatt ma ppreżumietu;

28. Illi ngħad ħafna drabi li "*l-volonta` tal-ġudikant tista' tittieħed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma għandux jittieħed separatament mill-motivazzjoni iżda għandu jiġi minn din definit u spjegat*"[20]. Ingħad ukoll, b'riferenza għal dak li jgħid l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li Qorti tat-tieni istanza trid toqgħod b'seba' għajnejn "*biex kemm jista' jkun issalva l-atti meta mill-korp tas-sentenza wieħed almenu jifhem x'inhu l-mertu tal-każ u x'inhi l-bażi tas-sentenza. Fi kliem ieħor din il-Qorti dejjem ippruvat issalva sentenza purché din ikollha dik l-awtonomija neċessarja biex wieħed jifhem eżattament x'ġie milqugħ u x'ġie miċħud u għaliex*"[21];

29. Illi l-Qorti hija tal-fehma li, taqbel jew ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet mill-eċċezzjoni taħt eżami, ma jirriżultawx l-estremi tan-nuqqas ta' siwi tas-sentenza appellata. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru u tal-prinċipji aċċettati minn dawn il-Qrati, l-appellanti ma wrewx kif u għaliex minħabba f'hekk seħħ ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jwassal b'mod inevitabbli għat-tħassir tas-sentenza appellata. It-tieni aggravju tressaq biss fuq din il-kawżali u

[20] App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Tomlin Company Ltd. v. Jon David Ltd.***
[21] App. Ċiv. **7.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia v. Manager Water Works*** Department (Kollez. Vol: **LXXV.ii.**446).

mhux wkoll fuq jekk l-eċċezzjoni nnifisha kinitx mistħoqqa. Għalhekk, din il-Qorti ma tarax li għandha tgħaddi kummenti jew ġudizzji dwarha aktar minn dak li kien strettament meħtieġ u li ssemma aktar qabel mill-aspett proċedurali tagħha u mill-mod kif kienet imfassla;

30. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-aggravju m'huwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa' bit-tħassir tas-sentenza appellata;

31. Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-mertu tal-appell ewlieni u tibda mit-**tielet aggravju** ta' Caruana li jattakka l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li t-trasferiment mill-appellanti Marthese Caruana favur bintha l-appellanti Rayona Caruana tal-gabbana, permess u dak kollu li jagħmel minnha sar b'qerq għall-interessi ta' Bartolo. Huma jisħqu li, minkejja l-fehma murija mill-ewwel Qorti, il-provi juru li kollox kien jgħajjat fuq isem l-appellanti Marthese Caruana u ma kien hemm xejn x'iżommha milli tiddisponi minn dak li kien jgħajjat lilha favur bintha jew favur min riedet hi. Jisħqu li la kellha obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn Bartolo u wisq anqas seta' t-trasferiment li għamlet favur bintha jitpinġa bħala għemil qarrieqi bi ħsara tal-appellati. Mhux hekk biss, imma ladarba l-konċessjoni dipartimentali tal-*encroachment* tiġġedded bis-sena, l-appellanti Rayona Caruana kellha kull jedd li tiksibha f'isimha. B'mod partikolari, Caruana jikkummentaw fuq il-fatt li Bartolo qatt ma fetħu kawża biex iwaqqgħu s-siwi tal-kitba tad-9 ta' Lulju, 1988, li biha l-appellanti Marthese Caruana

kisbet il-gabbana u kull jedd marbut magħha mingħand Mario Caruana. Għalhekk, jgħidu li l-ewwel Qorti riedet toqgħod ma' dak li jirriżulta b'mod inekwivoku mill-provi dokumentali u mhux taċċetta li tibni l-fehmiet tagħha "fuq meri allegazzjonijiet avvanzati mill-attur Philip Bartolo u marret kontra l-provi skritti (mhux waħda, mhux tnejn, mhux tlieta, iżda erbgħa), kuntrarjament għal dak li timponi l-liġi"[22]. Juru b'mod ċar li dan l-aggravju tagħhom jissejjes fuq l-inkompatibilita` bejn l-imsemmija kitba u l-fehma tal-ewwel Qorti li dak li kien hemm bejn il-partijiet kien "*proprjeta` komuni tar-rikorrenti u tal-intimati f'sehem indaqs bejniethom*";

32. Illi għal dan l-aggravju Bartolo jilqgħu billi jtennu sensiela ta' ċirkostanzi probatorji (mislutin l-aktar mill-atti tal-kawża li kienet miexja ma' din) biex juru kif u kemm, fil-fehma tagħhom, il-mibki Philip Bartolo wettaq fuq medda ta' snin, u bl-għarfien ta' Caruana, ħidmiet li juru li kien sieħeb fin-negozju tal-gabbana. Jgħidu li t-trasferiment tal-gabbana, permessi u tagħmir u stokk li jagħmlu minnha mill-appellanti Marthese Caruana favur bintha Rayona sar minn wara daharhom u b'ħabi, u b'dispett għar-rabtiet fiduċjarji li hija kellha lejhom u sar bi prezz irriżorju. Bartolo jtennu l-pretensjoni li meta Caruana dehret fuq il-kitba tad-9 ta' Lulju, 1988, ma' Mario Caruana, dan kienet qiegħda tagħmlu wkoll bħala *prestanome* ta' ħuha Philip, u għalhekk it-trasferiment li hija għamlet favur

[22] Rikors tal-Appell f'paġġ. 236 – 7 tal-proċess.

bintha seħħ ukoll bi ksur tal-obbligi tagħha bħala mandatarja tal-istess ħuha;

33. Illi fil-qofol tiegħu, dan l-aggravju huwa kritika lejn l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Caruana jilmentaw kemm mill-fatt li l-ewwel Qorti bniet il-fehma tagħha fuq elementi probatorji li ma joqogħdux mal-provi dokumentali msemmija minnhom, u kif ukoll mit-tifsira li hija tat għal xi xhieda ta' naħa bi preferenza tax-xhieda mressqa min-naħa l-oħra u fuq kemm ix-xhieda li aċċettat setgħet toqgħod fuqha;

34. Illi mill-atti rilevanti taż-żewġ kawżi joħroġ li tabilħaqq uffiċjalment id-Dipartiment tal-Artijiet kien għal numru ta' snin ħareġ *encroachment permit* favur l-appellanti Marthese Caruana qabel ma dan ġie trasferit fuq bintha l-appellanti Rayona Caruana. Huwa minnu wkoll li mal-Awtorita` tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud, l-appellanti hija meqjusa bħala l-persuna li tmexxi n-negozju tal-gabbana. Jirriżulta wkoll li t-trasferiment tal-gabbana b'kulma kien fiha sar mis-sid ta' qabel (Mario Caruana) favur l-appellanti Marthese Caruana. L-ewwel Qorti dan kollu ħadet qies tiegħu u ma meritux. Minkejja dan, semmiet provi oħrajn imressqin quddiemha li wassluha biex tara li, lil hinn minn dak li kien jidher fuq livell uffiċjali u amministrattiv, kien hemm ċirkostanzi li jagħtu kreditu lil dak li kienu qegħdin jallegaw Bartolo u li dawn iċ-ċirkostanzi kienu ilhom iseħħu sa mill-bidu u għal bosta snin;

35. Illi Caruana jgħidu li filwaqt li Bartolo naqsu li jġibu l-prova li tassew huma s-sidien tal-kjosk u kif in-negozju seta' ġie ġestit minnhom, l-ewwel Qorti minkejja dan, waslet għal konklużjoni opposta. Caruana jirrimarkaw aktar minn darba li l-ewwel Qorti warrbet fatti ċari li tressqu quddiemha min-naħa tagħhom u mxiet fuq allegazzjonijiet jew konġetturi ta' Bartolo;

36. Illi minn qari tas-sentenza appellata, jidher li l-ewwel Qorti waslet għall-fehmiet tagħha wara li tat piż lix-xhieda tal-aħwa Bartolo[23] meta xehdu li n-negozju kien jitmexxa mill-appellanti Marthese Caruana u minn ħuha l-attur Philip Bartolo (u, għall-ewwel żmien, minn ħuhom ieħor ukoll). L-ewwel Qorti ħadet qies ukoll ta' xhieda li m'humiex qraba tal-partijiet jew li ma kellhomx xi interess li jiġbdu lejn naħa jew oħra, fejn xehdu kif kienu jqisu lil Philip Bartolo bħala sid tal-kjosk[24]. Din ix-xhieda l-ewwel Qorti qisitha wkoll fil-qafas tax-xhieda mogħtija minn persuni oħra mhux qraba tal-partijiet u li kienu jagħrfu lill-appellanti Marthese Caruana bħala s-sid ukoll[25]. L-ewwel Qorti ħadet qies ukoll tax-xhieda tal-attur Philip Bartolo[26] u dik opposta mogħtija mill-appellanti Marthese Caruana[27], b'din tal-aħħar tfisser kif hija s-sid waħedha kemm tal-gabbana u kif ukoll tan-negozju mmexxi minn ġo fiha, minkejja li ħutha, Philip u Raymond, kienu għenuha finanzjarjament fil-bidu meta ħadet in-negozju f'idejha.

[23] Raymond Bartolo u Mary Bonnici.
[24] Supretendent Raymond D'Anastasi, Dione Bartolo, Peter England u Francis Vella.
[25] Tony Borg, Kenneth Xuereb, John Mary Caruana u Albert Mamo.
[26] Ara l-affidavit ta' Philip Bartolo f'paġġ. 15 sa 19 tal-atti tal-kawża 281/06AF.
[27] Ara x-xhieda ta' Marthese Caruana f'paġġ. 346 sa 348 tal-atti tal-kawża 281/06AF.

Tispjega wkoll kif lil Bartolo m'għandha tagħtihom xejn aktar għaliex tas-servizz li taw fil-gabbana hija ħallsithom dejjem u fil-waqt. L-ewwel Qorti tat piż ukoll għaċ-ċirkustanzi li wasslu lill-appellanti Caruana tikseb il-konċessjoni mingħand Mario Caruana fl-1988;

37. Illi l-Qorti għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi fattwali li jolqtu l-każ, u xejn anqas l-argumenti mtennija mressqa mill-partijiet quddiem l-ewwel Qorti u quddiemha f'din l-istanza. Tara li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq il-kitba privata tal-1988[28], dehret Marthese Caruana u mhux ukoll ħuha Philip Bartolo, peress li hi kienet iġġorr il-kunjom Caruana[29]. Qieset ukoll x-xhieda ta' Raymond Bartolo dwar kif kien isir in-negozju u l-qsim tal-profitti wara li jinqatgħu l-ispejjeż[30]. Dak l-apprezzament li wettqet l-ewwel Qorti ma kien bl-ebda mod irraġonevoli jew ixaqleb bla mistħoqq lejn naħa jew oħra. Il-fatt li Caruana ma jaqblux miegħu jew li jgħidu li l-ewwel Qorti kienet sa minn stadju bikri tal-kawża wriet simpatija mat-teżi attriċi, ma jnaqqas xejn mis-siwi ta' dak l-apprezzament bħala l-frott tar-razjoċinju li jingħata lil kull ġudikant li quddiemu titressaq kawża. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tistax tifhem kif għal snin sħaħ l-appellanti Marthese Caruana, jekk mhux għaliex kienet fi sħab ma' ħuha Philip Bartolo, kienet taqsam miegħu d-dħul ġenerat min-negozju. Tagħti piż ukoll lill-fatt li l-attur Philip Bartolo kien aċċetta li joqgħod garanti bi

[28] Dok. "Y" f'paġ. 10 tal-atti tal-kawża 281/06AF.
[29] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Marthese Caruana f'paġ. 346 tal-proċess.
[30] Ara x-xhieda ta' Raymond Bartolo f'paġ. 46 tal-proċess.

ħwejġu għal dejn li l-appellanti Marthese Caruana kienet daħlet għalih marbut man-negozju, u baqa' hekk marbut minkejja li l-appellanti radditlu lura l-flus li silifha fil-bidunett. Caruana ma taw lill-ewwel Qorti ebda raġuni siewja għaliex din iċ-ċirkostanza ma kellhiex titfa' dawl fuq il-fatt li Philip Bartolo wkoll kien bi sħab ma' oħtu l-appellanti fit-tmexxija u r-riskji tan-negozju. Dawn kollha kienu konsiderazzjonijiet ta' natura legali li dik il-Qorti ma setgħetx twarrabhom kif ġieb u laħaq. Lanqas kienu konsiderazzjonijiet fiergħa jew frott ta' pretensjonijiet bla bażi. Quddiem din il-Qorti, Caruana ma ressqu l-ebda argument ieħor ġdid li ma kienx tressaq quddiem l-ewwel Qorti;

38. Illi għalhekk din il-Qorti ssib li lanqas dan l-aggravju ma jixraqlu jintlaqa';

39. Illi bir-**raba' aggravju** tagħhom Caruana jgħidu li t-tielet paragrafu tal-parti deċiżorja tas-sentenza appellata hija insostenibbli u infondata. Huma jgħidu li f'dik il-parti tas-sentenza appellata twettaq żball serju mill-ewwel Qorti għaliex hemm jingħad li t-trasferiment tal-gabbana u dak li jagħmel minnha lill-appellanti Rayona Caruana "sar wara Mejju 2006", meta mill-provi jirriżulta li t-trasferiment kien diġa` seħħ sa minn qabel dak ix-xahar. Minbarra dan, iżidu jgħidu li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża u minħabba diffikultajiet u proċeduri meħuda dwar sanzjonar, il-gabbana l-qadima twaqqgħet u minflokha ttellgħet oħra ġdida b'dejn mal-

bank. Għalhekk, ukoll, dik il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata lanqas tista' titwettaq;

40. Illi għal dan l-aggravju Bartolo jilqgħu billi jgħidu li kienet l-appellanti Marthese Caruana nnifisha li stqarret li kienet ittrasferiet il-gabbana u dak kollu li jagħmel minnha lil bintha. Jgħidu li ma semmietx data preċiża, imma miċ-ċirkostanzi jidher li dan sar fl-ewwel xhur tal-2006. Jisħqu li dik il-parti tas-sentenza appellata li dwarha tressaq l-aggravju ma fiha l-ebda infondatezza legali u hija esegwibbli, meta tinqara ma' dak li l-ewwel Qorti ordnat fis-sentenza mogħtija fil-kawża li kienet miexja ma' din. Minbarra dan, jekk inhu tassew minnu li l-gabbana l-qadima nħattet u tneħħiet, dan sar b'mod abbużiv u minn fuq daharhom għaliex intuża l-qligħ mit-tmexxija tagħha meta huma jistħoqqilhom jirċievu nofs dak il-qligħ;

41. Illi l-Qorti tqis li t-tismija "Mejju 2006" saret minn Bartolo fid-disa' (9) premessa tar-Rikors Maħluf li bih fetħu din il-kawża u fit-tielet talba attriċi. Fl-atti tal-kawża ma tressqet l-ebda prova dokumentali li tirreġistra meta sar it-trasferiment tal-gabbana u dak kollu li jagħmel minnha mill-appellanti Marthese Caruana lil bintha. Ma tressqet l-ebda xhieda li tgħid bl-eżatt meta sar dak il-ftehim, u fix-xhieda li l-appellanti Marthese Caruana tat quddiem l-ewwel Qorti fil-kawża l-oħra fit-28 ta' Novembru, 2007[31] (liema xhieda kienet ir-raġuni għaliex Bartolo fetħu din il-kawża)

[31] Ara Dok "A",f'paġġ. 7 – 9 tal-proċess.

hija ssemmi li l-"permess kien dahar (*sic*) fuq it-tifla qabel inbdiet il-kawża", iżda ma tgħid xejn meta "biegħetilha l-kiosk u l-attrezzi kollha";

42. Illi l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ma tistax u m'għandhiex tinqara waħedha, imma tabilfors b'riferenza għal u flimkien mal-parti dispożittiva tas-sentenza fil-kawża l-oħra li kienet miexja magħha. Terġa' u tgħid, it-trasferiment tal-permess m'huwiex l-istess ħaġa bħat-trasferiment tal-gabbana u l-jeddijiet u l-ġid kollu ta' magħha. Kemm hu hekk, it-tielet talba (li dwarha jitkellem dan l-aggravju) titkellem dwar it-trasferiment tal-gabbana u dak kollu li jagħmel minnha, filwaqt li t-trasferiment tal-permess huwa l-mertu tar-raba' talba attriċi. Tajjeb li wieħed jippreċiża li l-kawża l-oħra li kienet miexja ma' din infetħet fit-3 ta' April, 2006, u l-ittra uffiċjali li Bartolo kienu bagħtu lil Caruana qabel fetħu dik il-kawża nħarġet fis-7 ta' Marzu, 2006;

43. Illi minn qari tal-atti joħroġ ċar li għalkemm it-talba tal-appellanti Marthese Caruana biex il-permess tal-gabbana jdur fuq isem bintha saret fi Frar tal-2006[32], il-permess dar effettivament fuq isem l-appellanti Rayona Caruana fil-bidu ta' Mejju tal-2006[33] (u mhux f'April, 2006, kif jgħidu Caruana). Ma kien jagħmel l-ebda sens li l-appellanti Rayona Caruana tikseb mingħand ommha l-gabbana, it-tagħmir, stokk u jeddijiet

[32] Dok "FM31", f'paġġ. Paġġ. 99 – 100 tal-proċess.
[33] Ara '***Permit Letter – Mobile Kiosk Permit***' Dok "FM33", f'paġġ. 102 – 4 tal-proċess (li jġib id-data tat-8.5.2006).

marbuta miegħu qabel ma jkollha moħħha mistrieħ li l-permess dar fuqha wkoll. Għalhekk, minn dan l-aspett, il-fatt li t-tielet paragrafu tal-parti deċiżorja tas-sentenza appellata juża l-kliem "wara Mejju 2006" ma jidher li jikkostitwixxi l-ebda insostenibbilita`. Wara kollox, l-għan tat-tielet talba attriċi kien it-tħassir tat-trasferiment li sar bejn l-appellanti Marthese Caruana u bintha l-appellanti Rayona Caruana, u d-data preċiża ta' meta sar dan ma kinitx daqstant materjali. Trasferiment wieħed sar tal-gabbana u ta' dak kollu li jagħmel minnha mill-appellanti Marthese Caruana lil bintha Rayona u din il-kawża tressqet sewwasew dwar dak it-trasferiment biss. Jerġa' jingħad, li dan kollu jrid jinqara fid-dawl ta' dak li l-ewwel Qorti ordnat fis-sentenza fil-kawża li kienet miexja ma' din;

44. Illi għal dak li jsemmu l-appellanti f'dan l-aħħar aggravju tagħhom dwar il-ħatt tal-gabbana l-qadima u t-tlugħ ta' oħra minflokha, din il-Qorti ma tarax kif, b'daqshekk, il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata tista' titqies inapplikabbli jew insostenibbli. Jekk u meta l-appellanti Rayona Caruana għażlet jew kellha twaqqa' l-gabbana l-qadima u ttella' oħra minflokha, dan kien żgur fi żmien wara li kienu nfetħu kemm din il-kawża u aktar u aktar dik li kienet miexja magħha. L-appellanti għamlet dan *pendente lite*, meta kienet taf żgur b'dan il-fatt u bir-riskji kollha li ħaġa bħal din iġġib magħha, ukoll jekk kontra tagħha ma kien inħareġ l-ebda mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni, kif qalet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet

tagħha[34]. Il-pretensjonijiet attriċi f'din il-kawża u fl-oħra li kienet miexja magħha kienu ċari biżżejjed u l-fatt li Caruana ma kinux jaqblu magħhom u kkontestawhom bil-qawwa kollha ma jfissirx li f'każ li t-talbiet attriċi kellhom jintlaqgħu (bħalma wħud minnhom intlaqgħu tabilħaqq) Caruana setgħu bħax-xejn jibdlu ċ-ċirkostanzi fattwali bil-għan li jistultifikaw it-twettiq ta' dawk it-talbiet;

45. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-aggravju ma jirriżultax mistħoqq u mhux se jintlaqa';

46. Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tqis l-**appell inċidentali** ta' Bartolo. Dan jitkellem fuq iċ-ċaħda tar-raba' talba tagħhom u fuq il-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Artijiet li, fil-konfront tiegħu, l-azzjoni attriċi kienet nulla għaliex ma tħarsux id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ġie mħarrek minn Bartolo. Huma jgħidu li l-Kummissarju tħarrek biss "għal kull interess li jista' jkollu". Il-qerq twettaq mill-appellanti Caruana bejniethom bi ħsara tal-atturi appellati u għalhekk, ladarba t-trasferiment kien il-frott ta' qerq, il-qerq "*omnia corrumpit*" u kellu għalhekk jolqot ukoll il-kunsens li seta' tal-Kummissarju biex il-permess taż-żamma tal-gabbana jdur fuq l-appellanti Rayona Caruana. Jippreċiżaw li l-azzjoni li ttieħdet minnhom kontra l-Kummissarju ttieħdet biss "periferalment" u minħabba f'hekk ma

---

[34] Paġ. 172 tal-proċess.

kienx meħtieġ li jitħarsu l-proċeduri tal-pre-avviż b'att ġudizzjarju kif jitlob l-imsemmi Artikolu 460 tal-Kodiċi proċedurali;

47. Illi l-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju. Fl-ewwel lok, ladarba l-ewwel Qorti sabet li l-azzjoni ta' Bartolo fil-konfront tal-Kummissarju kienet nulla, ma kienx il-każ li ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, imma kien każ taċ-ċaħda tal-azzjoni kollha mressqa minnhom kontrih. Fit-tieni lok, il-ħtiġijiet mitluba mill-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jiddistingwux dwar jekk il-parti mħarrka tkunx ġiet imħarrka bħala l-konvenuta ewlenija jew jekk kinitx "periferali". Fit-tielet lok, dispożizzjoni bħal dik tal-liġi li minnha nnifisha tillimita s-setgħa ta' qorti li tisma' kawża m'għandhiex tingħata tifsir differenti minn dak li strettament għandha tingħata. Huwa minnu li Bartolo fetħu din il-kawża jumejn biss wara li l-appellanti Marthese Caruana xehdet li kienet ittrasferiet il-gabbana b'kulma jiġi magħha u l-permess tal-konċessjoni, imma dan ma kienx raġuni tajba biex huma ma jħarsux x'kienet titlob il-liġi qabel ma jdaħħlu lill-persuna f'kariga pubblika bħalma huwa l-Kummissarju fix-xena u jħarrkuh f'din il-kawża;

48. Illi għalhekk l-appell inċidentali ma huwiex mistħoqq lanqas;

***Deċide:***

49. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell prinċipali** mressaq mill-imħarrkin Caruana għaliex mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad ukoll l-appell inċidentali** mressaq mill-atturi Bartolo billi wkoll mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt; u

Għalhekk qiegħda **tikkonferma għal kollox** is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u **tordna** li kull parti tħallas **l-ispejjeż tagħha** ta' din l-istanza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm